MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2010

Numru 505/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**HERMAN MIZZI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Herman Mizzi bin Theresa nee' Harte imwieled Pieta fi 18 ta' Lulju 1978 u Blk B Flat 15 Triq Cikas Housing Estate Zabbar detentur tal-karta tal-identita b'numru 343978M

Akkuzat talli fi 18 ta' Marzu 2010, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew

billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti imaginarji, ghamel qliegh ta' 339 Euros f'apparat tal- HI FI ghad-dannu ta' Eugene Carabott minn Hal-Tarxien;

U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkustanzi bi hsara ta' haddiehor, ghamel qligh iehor b'qerq ghad dannu tal-imsemmi Eugene Carabott minn Hal-Tarxien.

B'hekk irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok SZ3 u nnutat li l-imputat Herman Mizzi m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 308, 309, 310(1)(b), 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Herman Mizzi, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-

Pulizija, tikkundanna lill- imsemmi imputat Herman Mizzi ghall-piena komplessiva ta’ hames (5) xhur prigunerija u erba’ mija u sitta u sittin Euro (Euro 466) multa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------